# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Diċembru, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 93/2019/1 BS**

**Charmaine Mifsud u Godwin Mizzi**

**v.**

**Godfrey Debattista**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-atturi Charmaine Mifsud u Godwin Mizzi minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) nhar it-3 ta' Frar, 2023, li biha ċaħdet it-talbiet tagħhom sabiex isiru dawk il-formalitajiet meħtieġa min-naħa tal-konvenut Godfrey Debattista għat-trasferiment uffiċjali tad-dgħajsa tat-tip *Riva Junior Boat*, bin-numru ta' reġistrazzjoni S 20427.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fid-29 ta' Novembru, 2019, l-atturi Charmaine Mifsud u Godwin Mizzi fissru li huma xtraw flimkien bejniethom dgħajsa, mingħand il-konvenut Godfrey Debattista, tat-tip *Riva Junior Boat*, bin-numru ta' reġistrazzjoni S 20427.

3. Stqarrew li għalkemm il-bejgħ sar u d-dgħajsa qiegħda fil-pussess tagħhom, madankollu l-konvenut Godfrey Debattista naqas milli jagħmel dak li huwa meħtieġ għat-trasferiment uffiċjali tagħha billi m'għaddilhomx u lanqas ma ffirma dik id-dokumentazzjoni meħtieġa mill-Awtoritajiet konċernati għal tali trasferiment.

4. Billi kien ta' xejn li huma talbu lill-konvenut sabiex jersaq għal dak it-trasferiment, l-atturi Charmaine Mifsud u Godwin Mizzi fetħu din il-kawża li fiha talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jgħaddi d-dokumentazzjoni relattiva u jiffirma d-dokumentazzjoni li hemm bżonn min-naħa tal-Awtoritajiet relattivi għat-trasferiment minnu lill-atturi tad-dgħajsa tat-tip Riva Junior Boat, bin-numru ta' reġistrazzjoni S 20427.*
>
> *2. Tiffissa terminu qasir u perentorju li fih għandu jsir dan.*
>
> *3. Tinnomina kuratur għall-eventwali kontumaċi sabiex fin-nuqqas illi l-konvenut jonqos milli jottempora ruħu ma' dak mitlub fl-ewwel talba entro t-terminu stipulat per konsegwenza tat-tieni talba, jiffirma hu minflok il-konvenut id-dokumenti relattivi.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha inkluża VAT u bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.»*

5. Bi tweġiba maħlufa mressqa fl-20 ta' Mejju, 2021, il-konvenut Godfrey Debattista wieġeb għal din il-kawża billi qajjem dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi preliminarjament l-esponenti ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attriċi Charmaine Mifsud (ID 32292G) hekk kif il-bejgħ inkwistjoni sar bejn l-esponenti u l-attur Godwin Mizzi (ID 33789G).*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*3. Illi l-bejgħ tad-dgħajsa inkwistjoni ma ġiex kompletat hekk kif il-prezz miftiehem bejn il-partijiet għal tali bejgħ ma ġiex imħallas fl-intier tiegħu minn Godwin Mizzi lill-esponenti, hekk kif ser jiġi ampjament ippruvat fil-mori tal-kawża.*

*4. Illi l-intimat biegħ id-dgħajsa bil-**hull number 550**, bl-isem «**Shining**» u bin-numru ta' reġistrazzjoni S 20427 lil Godwin Mizzi għall-prezz ta' sebgħa u għoxrin elf u ħames mitt ewro (€27,500).*

*5. Illi sal-ġuranta tal-lum Godwin Mizzi ħallas biss l-ammonti ta' tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000) u elf ewro (€1,000) hekk kif ser jiġi ampjament ippruvat fil-mori tal-kawża.*

*6. Illi għalhekk Godwin Mizzi għad irid iħallas lura l-ammont ta' erbat elef u ħames mitt ewro (€4,500) lill-esponenti.*

*7. Illi dan ġie konfermat f'sentenza datata t-23 ta' Settembru tas-sena 2020 fit-talba numru 357/19 tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar li għal kull buon fini kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala «Dok GS1».*

*8. Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet sabiex jitħallas il-bilanċ tal-prezz tal-bejgħ, l-istess Godwin Mizzi baqa' inadempjenti.*

*9. Illi għaldaqstant, id-dgħajsa inkwistjoni ma tistax tiġi trasferita sakemm l-imsemmija somma ta' erbat elef u ħames mitt ewro (€4,500) tiġi mħallsa.*

*10. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi inġunti in subizzjoni.»*

6. B'sentenza mogħtija fit-3 ta' Frar, 2023, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Godfrey Debattista, madankollu ċaħdet

ukoll it-talbiet kollha tal-atturi Charmaine Mifsud u Godwin Mizzi. Dawn tal-aħħar ġew ukoll ikkundannati sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża, flimkien bejniethom.

7. Fost ir-raġunijiet ewlenin li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kien hemm dawn li ġejjin:

> *«Mill-provi ppreżentati fl-atti jirriżulta li l-partijiet daħlu f'negozju sabiex l-atturi jixtru dgħajsa mingħand il-konvenut. Illum il-ġurnata l-atturi għandhom il-pussess fiżiku tad-dgħajsa però l-konvenut għadu ma ffirmax id-dokumenti meħtieġa sabiex isir it-trasferiment ta' din id-dgħajsa għal fuq l-atturi. Minn banda waħda l-atturi jinsistu li l-ammont miftiehem tħallas kollu mentri l-konvenut ma jaqbilx.*
>
> *Il-Qorti ser tibda biex tqis l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut li n-negozju ma sarx mal-attriċi Charmaine Mifsud iżda ma' Godwin Mizzi biss. Mill-atti jirriżultaw tliet (3) dokumenti li juru li l-konvenut ftiehem mal-atturi t-tnejn fuq il-bejgħ. Dawn id-dokumenti huma żewġ dikjarazzjonijiet, waħda datata 30 ta' Marzu, 2017 u l-oħra 26 ta' April, 2017 fejn il-konvenut qed jafferma illi huwa daħal f'arranġament mal-atturi t-tnejn u mhux ma' Godwin Mizzi biss (a fol. 76 tal-proċess). Barra minn hekk tirriżulta wkoll riċevuta maħruġa mill-konvenut favur l-atturi tnejn (a fol. 78 tal-proċess). Minkejja dawn id-dokumenti iżda, il-Qorti tinnota wkoll li l-kawża istitwita mill-konvenut quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar saret biss kontra l-attur Godwin Mizzi. Il-Qorti madankollu hija tal-fehma illi ġaladarba t-tliet (3) dokumenti ġa msemmija juru biċ-ċar illi l-attriċi Charmaine Mifsud kienet involuta fin-negozju, għaldaqstant għandha tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.*
>
> *Rigward il-kwistjoni tan-nuqqas ta' trasferiment tad-dgħajsa, il-konvenut jgħid li l-ammont dovut lilu għadu ma tħallasx kollu u għalhekk għadu ma ffirmax id-dokumenti meħtieġa biex it-trasferiment iseħħ. Fuq il-prezz ġew esibiti dokumenti li juru li l-prezz kien ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) mentri l-konvenut jgħid li dak il-ftehim kien sorpassat b'ieħor fejn il-prezz niżel għal sebgħa u għoxrin elf ħames mitt ewro (€27,500). Infatti fil-kawża minnu istiwita kontra l-attur Godwin Mizzi, il-konvenut iddikjara li l-prezz kien ta' sebgħa u għoxrin elf ħames mitt ewro (€27,500).*
>
> *Il-Qorti fliet l-atti u minn dak li jirriżulta huwa ċar li llum il-ġurnata il-prezz huwa saldat kollu billi l-konvenut żbanka l-ammont li ġie depożitat mill-atturi fl-ammont ta' erbat elef ħames mitt ewro (€4,500). Irid jingħad illi din is-somma ta' erbat elef ħames mitt ewro (€4500) kienet is-somma li t-Tribunal għal Talbiet Żgħar iddeċieda fis-sentenza tiegħu tat-23 ta'*

*Settembru, 2020, li kienet dovuta mill-attur Godwin Mizzi, lill-konvenut Godfrey Debattista bħala bilanċ mill-prezz tad-dgħajsa mibjugħa lilu. Issa huwa minnu li l-atturi jgħidu li l-ammont maqbul kien ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) u li dan tħallas kollu, madankollu din il-Qorti tosserva li huma ddepożitaw permezz ta' ċedola ta' depożitu s-somma komplessiva ta' erbat elef ħames mitt ewro (€4,500) wara li ġiet istiwita din il-kawża u wara s-sentenza tat-Tribunal. Barra minn hekk l-attur Godwin Mizzi kellu kull opportunità biex jikkontesta l-ammont pretiż mill-konvenut meta dan tal-aħħar ipproċeda bil-kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, iżda huwa għażel li ma jiddefendix ruħu minkejja li kien notifikat bl-atti. Ma jistax issa permezz tal-proċeduri odjerni jqajjem argumenti li ġew deċiżi u li llum jagħmlu stat bejn il-partijiet.*

*Sta di fatt li l-ammont kollu pretiż mill-konvenut qua prezz tad-dgħajsa jirriżulta li hu mħallas. Tant hu hekk li fis-seduta tas-16 ta' Diċembru, 2021 l-abbli difensur tal-konvenut iddikjarat li s-somma ta' erbat elef ħames mitt ewro (€4,500) tħallset kollha, però l-imgħaxijiet u l-ispejjeż tal-kawża ma tħallsux. Il-konvenut jisħaq li t-trafseriment għadu ma sarx għax l-atturi qed jinsistu li ma għandhomx iħallsu l-imgħax u l-ispejjeż. Id-deċizjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, iżda kienet ċara u l-attur Godwin Mizzi fil-kawża odjerna, ġie kkundannat minn dak it-Tribunal biex minbarra l-ħlas ta' erbat elef u ħamest mitt ewro (€4,500) jħallas ukoll l-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża sal-ħlas effettiv, kif ukoll l-ispejjeż ta' dik il-kawża. Dan ifisser li l-atturi għad baqgħalhom x'jagħtu lill-konvenut.*

*Tenut kont ta' dan kollu t-talbiet tal-atturi ma jistgħux jiġu milqugħa billi n-nuqqas da parti tagħhom biex iħallsu dak ordnat mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar qed iservi ta' ostakolu sabiex it-talbiet tagħhom jirnexxu.»*

8. L-atturi Charmaine Mifsud u Godwin Mizzi appellaw minn din is-sentenza b'rikors imressaq fl-24 ta' Frar, 2023. Hemmhekk huma talbu lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tbiddel is-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti sa fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Godfrey Debattista, filwaqt li tħassarha fil-bqija u dan billi tilqa' t-talbiet tagħhom, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess konvenut.

9. Bi tweġiba mressqa fit-12 ta' Ġunju, 2024, il-konvenut Godfrey Debattista wieġeb għall-appell tal-atturi billi ressaq ir-raġunijiet tiegħu

għalfejn dan għandu jiġi miċħud.

10. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. L-atturi appellanti qegħdin jattakkaw is-sentenza appellata fuq is-saħħa ta' erba' aggravji.

12. Fl-ewwel tliet aggravji, l-appellanti qegħdin jikkritikaw dak ir-raġunament tal-Ewwel Qorti li fuq is-saħħa tiegħu ċaħdet it-talbiet tagħhom, filwaqt li fl-aħħar aggravju l-appellanti qegħdin imbagħad jilmentaw dwar il-kap tal-ispejjeż.

13. Minħabba r-rabta li hemm bejn l-ewwel tliet aggravji, il-Qorti sejra tgħaddi biex tistħarriġhom kollha flimkien.

14. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** l-atturi Charmaine Mifsud u Godwin Mizzi qegħdin jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma messhiex ċaħdet it-talbiet tagħhom għal raġunijiet li mank biss tqajmu minn Godfrey Debattista fit-tweġiba

maħlufa tiegħu għal din il-kawża.

15. F'dan ir-rigward, l-appellanti jfissru li l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tagħhom għar-raġuni waħdanija li huma ma ħallsux l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħaxijiet li Godwin Mizzi ġie kkundanat sabiex iħallas lil Godfrey Debattista, u dan b'riħet ta' sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Godfrey Debattista v. Godwin Mifsud*** (Talba Nru. 357/2019CZ).

16. Jisħqu li din ma kinitx xi eċċezzjoni li qajjem il-konvenut u josservaw li l-unika eċċezzjoni li tqajmet minnu b'riferenza lejn id-deċiżjoni fis-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar kienet biss dwar li huma kien għadhom ma ħallsuhx il-bilanċ tal-prezz ta' €4,500 li jissemma fit-tali sentenza.

17. Jargumentaw li din l-eċċezzjoni tal-aħħar tressqet mingħajr l-ebda kwalifika, u fid-dawl ta' dan jirraġunaw li la mal-mixi tal-kawża huma kienu ħallsu dak il-bilanċ ta' €4,500, mela allura l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiċħad it-talbiet tagħhom.

18. Sfiq ma' dan, jargumentaw li n-nuqqas ta' ħlas tal-imgħaxijiet u tal-ispejjeż ġudizzjarji f'kawża oħra mhijiex xi kwistjoni ta' ordni pubbliku u għal dawn ir-raġunijiet kollha jinsistu li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiċħad

it-talbiet tagħhom fuq raġuni li qajmet hija stess minn rajha.

19. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** l-atturi appellanti qegħdin imbagħad jilmentaw li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija f'kull każ legalment żbaljata, għaliex in-nuqqas ta' ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji u tal-imgħaxijiet imsemmija fis-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar fil-kawża bin-numru ta' riferenza 357/2019CZ ma kienx jagħti xi jedd lill-konvenut sabiex ma jiffirmax id-dokumenti meħtieġa għat-trasferiment tad-dgħajsa inkwistjoni.

20. Hawnhekk, l-appellanti jitilqu billi jirreferu għall-**Artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili** u jisħqu li l-bejgħ ingħalaq hekk kif huma qablu fuq il-ħaġa, jiġifieri d-dgħajsa inkwistjoni u l-prezz tagħha. Jargumentaw li minn dak il-mument 'il quddiem, il-konvenut tgħabba bl-obbligu li jikkunsinna l-ħaġa mibjugħa minnu u li f'dan il-każ tali obbligu kien jinkludi t-trasferiment uffiċjali tad-dgħajsa.

21. Jilmentaw li mingħajr it-trasferiment uffiċjali u r-reġistrazzjoni tad-dgħajsa fuq isimhom, il-konsenja ma tistax titqies li hija kompluta, u f'dan il-qafas jisħqu li l-**Artikolu 1385 tal-Kodiċi Ċivili** jagħti lix-xerrejja bħalhom, l-għażla bejn li jitolbu t-tħassir tal-bejgħ, jew inkella li jitqiegħdu fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa lilhom. Ifissru li huwa sewwasew dan ir-rimedju tal-aħħar li huma għażlu li jduru għalih f'din il-kawża u li huwa

għalhekk li qegħdin jitolbu biex il-konvenut jiġi ordnat jiffirma d-dokumenti tat-trasferiment, u fin-nuqqas, li jiffirma kuratur minfloku.

22. Għalkemm jgħarrfu li l-obbligu tal-konsenja jimxi id f'id ma' dak tal-ħlas tal-prezz, jisħqu li huma mhux talli ilhom li ħallsu dak kollu dovut minnhom lill-konvenut, anzi ħallsuh ukoll dak l-ammont ta' €4,500 li huwa baqa' jippretendi li kien fadlilhom iħallsuh. Sfiq ma' dan, jirraġunaw li l-imgħax u l-ispejjeż li għandhom jitħallsu skont is-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar mhumiex parti mill-prezz tad-dgħajsa, u b'hekk jinsistu l-obbligu tal-konvenut li jwettaq il-konsenja kif suppost ilu li tnissel.

23. F'dan il-qafas, jagħlqu bl-ilment li ċ-ċaħda tat-talbiet tagħhom sejra tkun qiegħda twassal għal sitwazzjoni inġusta għaliex filwaqt li huma ħallsu l-prezz kollu tad-dgħajsa, il-konvenut sejjer ikun jista' jkompli jheddidhom li jekk ma jagħtuhx dak li jrid, huwa mhuwiex sejjer jiffirmalhom id-dokumenti tat-trasferiment.

24. Fit-**<u>tielet aggravju</u>** l-appellanti jkomplu fejn ħallew fit-tieni aggravju u jargumentaw li l-Ewwel Qorti lanqas ma setgħet tippretendi li Charmaine Mifsud kellha tħallas l-imgħaxijiet u l-ispejjeż ġudizzjarji tal-kawża tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar. Dan għaliex il-konvenut appellat kien fetaħ dik il-kawża kontra Godwin Mizzi biss, u b'hekk dik is-sentenza ma torbothiex.

25. Fuq ix-xaqliba ’l oħra, il-konvenut Godfrey Debattista jilqa’ għal dan kollu billi fl-ewwel lok imeri li l-Ewwel Qorti warrbet it-talbet tal-atturi fuq eċċezzjoni li qajmet hija stess minn rajha. Ifisser li huwa sejjes id-difiża tiegħu fuq dak li sewwasew ġie deċiż fis-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar u filwaqt li jagħmel riferenza lejn is-seba’ eċċezzjoni tiegħu, jargumenta li l-appellanti ma jistgħux jippretendu li jaqsmu s-*sorte* mill-imgħaxijiet u l-ispejjeż ġudizzjarji li jiffurmaw ħaġa waħda minn dik is-sentenza.

26. Sa fejn imbagħad għandu x’jaqsam mat-tieni aggravju, fost affarijiet oħrajn, il-konvenut appellat qiegħed jargumenta li kemm il-mertu ta’ din il-kawża kif ukoll it-talbiet tal-atturi, mhumiex dwar jekk sarx il-bejgħ jew inkella jekk saritx il-konsenja tal-ħaġa mibjugħa. Skont l-appellat ir-riferenzi li l-atturi appellanti għamlu lejn l-**Artikoli 1347, 1380, 1385** u **1391 tal-Kodiċi Ċivili** ma jistgħu għalhekk iwassluhom imkien.

27. Jissokta billi jargumenta, li f’dan l-istadju, l-atturi appellanti ma jistgħux jippretendu li jressqu ilmenti ġodda jew inkella jistrieħu fuq prinċipji legali differenti minn dawk li daru lejhom fil-bidu tal-kawża. Jirraġuna għalhekk li l-appellanti ma jistgħux jippretendu li l-Ewwel Qorti kellha twettaq xi analiżi tal-prinċipji legali marbuta mal-bejgħ, fosthom dwar l-obbligu tal-kunsinna.

28. Jagħlaq billi jgħid li l-atturi appellanti lanqas ma jistgħu jużaw din il-kawża biex 'iduru' mas-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar. F'dan is-sens jargumenta li la huwa kellu jbati spejjeż żejda sabiex jiġbor flusu, u ġaladarba f'dik is-sentenza ġie deċiż li l-ispejjeż u l-imgħaxijiet kellhom jitħallsu minn Mizzi, mela allura tali spejjeż u mgħaxijiet saru ħaġa waħda mill-prezz tad-dgħajsa inkwistjoni.

29. Din il-Qorti titlaq billi tosserva li għalkemm huwa kollu minnu li fis-seba' eċċezzjoni tat-tweġiba maħlufa tiegħu l-konvenut Godfrey Debattista rrefera lejn is-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar fil-proċeduri fl-ismijiet ta' ***Godfrey Debattista v. Godwin Mifsud*** (Talba Nru. 357/2019CZ) madankollu dik ir-riferenza saret biss lejn il-bilanċ tas-somma ta' €4,500 u mhux ukoll għall-imgħaxijiet fuq dik is-somma u għall-ispejjeż ġudizzjarji li jissemmew fl-istess sentenza tat-Tribunal.

30. Tassew, minn ħarsa lejn it-tweġiba maħlufa tal-appellat (f'paġni 58 sa 59 tal-atti tal-kawża), jidher biċ-ċar li s-seba' eċċezzjoni tressqet biss fil-kuntest tal-eċċezzjoni ta' qabilha li fiha Godfrey Debattista qal li l-attur Godwin Mizzi kien għad fadallu jħallsu s-somma ta' €4,500 bħala bilanċ mill-prezz tad-dgħajsa.

31. L-istess ikompli jidher fid-disa' eċċezzjoni li fiha, il-konvenut Godfrey Debattista qal li: *«id-dgħajsa inkwistjoni ma tistax tiġi trasferita*

*<u>sakemm l-imsemmija somma</u> ta' erbat elef u ħames mitt ewro (€4,500) tiġi mħallsa.»*

32. Kien biss mal-mixi tal-kawża, u sewwasew mal-ġbir tal-provi li l-konvenut appellat biddel il-pożizzjoni tiegħu u fisser li huwa ma kienx lest li jersaq għat-trasferiment formali tad-dgħajsa għaliex baqa' ma tħallasx tal-imgħaxijiet u tal-ispejjeż ġudizzjarji msemmija fis-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar (ara l-affidavit tal-konvenut Godfrey Debattista f'paġna 94 tal-atti tal-kawża u l-kontroeżami tal-istess konvenut f'paġna 111 tal-atti tal-kawża).

33. Minkejja din il-bidla fil-pożizzjoni, il-konvenut Godfrey Debattista la rtira d-disa' eċċezzjoni u wisq inqas ma ressaq xi eċċezzjoni ulterjuri fis-sens li oppona għat-talbiet tal-atturi għaliex kien għad fadallu jitħallas l-imgħax u l-ispejjeż ġudizzjarji msemmija fis-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar.

34. Minn ħarsa lejn is-sentenza appellata jidher imbagħad li l-Ewwel Qorti tassew ċaħdet it-talbiet tal-atturi għar-raġuni li l-konvenut kien għadu ma tħallasx tal-imgħaxijiet u tal-ispejjeż ġudizzjarji msemmija fis-sentenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, u għalhekk jirriżulta li l-Ewwel Qorti tabilħaqq qatgħet il-kawża fuq difiża li ma tqajmitx b'eċċezzjoni formali mill-konvenut appellat.

35. Is-sistema ġudizzjarja tagħha hija msejsa fuq dik avversarja u mhux inkwiżitorjali u minħabba f'hekk huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-Qorti m'għandhiex tqajjem eċċezzjonijiet min rajha sakemm mhux dawk imsemmija fil-liġi jew inkella fuq xi konsiderazzjonjiet serji ta' ordni pubbliku. Dan billi fis-sistema avversarja, il-ġudikant għandu fil-prinċipju jiddeċiedi l-kawża fuq il-binarji tal-kontestazzjoni hekk kif imressqa mill-partijiet (ara ***Uffiċjal Mediku Ewlieni v. Maria Carmela Attard*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-17 ta' Frar, 2021 u s-sentenzi hemmhekk imsemmija).

36. Żgur u mhux forsi r-raġunijiet li għalihom l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi Charmaine Mifsud u Godwin Mizzi ma kinux imsejsa fuq konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku, u lanqas fuq xi provvediment speċjali tal-liġi.

37. L-atturi appellanti qegħdin għalhekk jgħidu sewwa li l-Ewwel Qorti ma setgħetx taqbad u ddur minn jeddha għar-raġunijiet li ssemmew minnha fis-sentenza appellata sabiex ċaħdet it-talbiet tagħhom.

38. Il-Qorti taqbel ukoll mal-appellanti li d-disa' eċċezzjoni tal-konvenut Debattista saret fil-forma ta' stqarrija mingħajr l-ebda kwalifika u ġaladarba l-konvenut, tajjeb jew ħażin, stqarr li t-trasferiment inkwistjoni ma setax isir sakemm huwa kien sejjer jirċievi l-ħlas ta' €4,500, mela

allura huwa kien qiegħed jiddikjara li l-unika ħaġa li kien jifdal xi jsir sabiex jersaq għat-trasferiment uffiċjali inkwistjoni kienet li jirċievi l-ħlas ta' €4,500.

39. Fil-fehma ta' din il-Qorti, daqskemm verbal f'kawża jsarraf fi kważi-kuntratt ġudizzjali u jorbot lil kull min ikun għamlu bħal kull kuntratt ieħor (ara f'dan is-sens ***Anna Vassallo v. Mario Spiteri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 2023, u ***Ludgarda Cachia et v. Carmela sive Carmen Mizzi et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023), daqshekk ieħor ċertu stqarrijiet li jsiru fi tweġiba maħlufa għal kawża għandhom ukoll jorbtu lill-parti konvenuta li tkun għamlitha.

40. Stqarrija bħal dik magħmula mill-konvenut fid-disa' eċċezzjoni tat-tweġiba maħlufa tiegħu, m'għandhiex għalhekk iġġib magħha effetti u konsegwenzi li huma inqas serji milli kieku saret f'verbal fl-atti. Għal tali stqarrija għandu għaldaqstant jgħodd bi sħiħ il-prinċipju, li biex il-konvenut seta' jerġa' lura minnha, huwa kien jeħtieġlu l-kunsens tal-atturi, u fin-nuqqas ta' hekk, huwa ma setax jitħalla jmur lura minn dak dikjarat (ara b'analoġija s-sentenzi: ***Green Dot Malta Limited v. L-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Frar, 2022 u ***Marianna sive Manon Calleja et v. Kummissarju tal-Artijiet*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2022).

41. F'dan il-każ, il-konvenut mank biss indenja ruħu li minn tal-inqas jirtira d-disa' eċċezzjoni, aħseb u ara kemm kiseb il-kunsens tal-atturi sabiex jerġa' lura minn dak dikjarat minnu fid-disa' eċċezzjoni!

42. Kemm minħabba f'hekk, kif ukoll anke għaliex hemm qbil li mal-mixi tal-kawża l-konvenut Godfrey Debattista tassew irċieva s-somma ta' €4,500 mill-atturi, mela allura l-istess konvenut ma setax jerġa' lura minn kelmtu. L-Ewwel Qorti ma setgħetx għalhekk tikkonkludi li l-istess konvenut kellu l-jedd li ma jersaqx għar-reġistrazzjoni tat-trasferiment tad-dgħajsa inkwistjoni għaliex huwa kien fadallu jitħallas tal-imgħaxijiet u tal-ispejjeż ġudizzjarji msemmija fis-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar.

43. Fuq hekk biss, l-appell tal-atturi huwa għalhekk mistħoqq.

44. Anke però li kieku dak kollu li ngħad s'issa kellu għall-grazzja tal-argument jitwarrab ftit mal-ġenb, f'kull każ, il-Qorti tibqa' xorta waħda tal-fehma soda li n-nuqqas ta' ħlas tal-imgħaxijiet u tal-ispejjeż ġudizzjarji tal-kawża tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar min-naħa ta' Godwin Mizzi, ma kienx jagħti lok lill-konvenut Godfrey Debattista sabiex jirrifjuta li jagħmel dak kollu meħtieġ għar-reġistrazzjoni tat-trasferiment tad-dgħajsa inkwistjoni mal-awtoritajiet kompetenti.

45. Bil-maqlub għal dak li qiegħed jargumenta l-konvenut fit-tweġiba għall-appell, l-għeruq legali ta' din il-kawża jinsabu proprju fil-liġi tal-bejgħ u b'mod partikolari fl-obbligu tal-bejjiegħ li jwettaq il-konsenja sħiħa tal-ħaġa mibjugħa minnu.

46. Għalkemm veru li l-atturi ma ressqux xi talba speċifika sabiex jiksbu xi dikjarazzjoni fis-sens li l-konvenut ma wettaqx fi sħiħ l-obbligu għall-kunsinna tad-dgħajsa inkwistjoni, fil-fehma tal-Qorti dik it-talba ma kinitx meħtieġa għaliex it-talba tal-atturi sabiex il-konvenut jiġi ordnat jiffirma u jgħaddilhom id-dokumenti relattivi għar-reġistrazzjoni tat-trasferiment tad-dgħajsa inkwistjoni minn fuq ismu għal fuq isimhom, ma hija xejn għajr talba għall-konsenja sħiħa ta' dik id-dgħajsa li qegħdin jgħidu li akkwistaw mingħand il-konvenut.

47. Tassew, f'każ li jixbah lil dan, però li kien dwar ir-reġistrazzjoni tat-trasferiment ta' karozza tal-linja u mhux dwar dgħajsa, ingħad li r-reġistrazzjoni tat-trasferiment mal-awtoritajiet kompetenti (fejn japplika) huwa aċċessorju għall-bejgħ, u għalhekk mingħajr ir-reġistrazzjoni ta' dak it-trasferiment, il-kunsinna ma tistax titqies li tkun saret b'mod sħiħ (ara ***George Falzon et v. Carmelo Falzon et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023 u l-**Artikolu 1398 tal-Kodiċi Ċivili**.

48. Fil-fehma tal-Qorti għandu jkun għalhekk ċar biżżejjed, li f'din il-kawża, l-atturi qegħdin iduru sewwasew lejn dak ir-rimedju msemmi fl-**Artikolu 1385 tal-Kodiċi Ċivili**, li bih ix-xerrej jista' jitlob li jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa lilu f'każ li l-bejjiegħ jonqos milli jikkunsinna b'mod sħiħ il-ħaġa mibjugħa.

49. Sabiex l-atturi appellanti setgħu jduru lejn l-imsemmi rimedju, dawn però kellhom qabel xejn jippruvaw li huma tabilħaqq xtraw id-dgħajsa inkwistjoni mingħand il-konvenut. Dan għar-raġuni wisq ovvja, li jekk ma sarx il-bejgħ, ma jiskatta l-ebda obbligu tal-kunsinna.

50. Għalkemm dwar dan, il-konvenut Godfrey Debattista, fit-tielet eċċezzjoni qajjem id-difiża li: *«l-bejgħ tad-dgħajsa inkwistjoni ma ġiex kompletat hekk kif il-prezz miftiehem bejn il-partijiet għal tali bejgħ ma ġiex imħallas fl-intier tiegħu...»*; madankollu, il-Qorti jidhrilha li din l-eċċezzjoni hija bil-wisq kontradittorja. Dan għaliex ġaladarba l-konvenut stqarr li kien hemm *«prezz miftiehem bejn il-partijiet»* u fl-istess waqt ma meriex li kien hemm qbil fuq l-oġġett tad-dgħajsa inkwistjoni, mela allura huwa ma jistax jiġi jgħid li l-bejgħ ma kienx komplut għar-raġuni li huwa ma rċeviex il-prezz kollu.

51. Skont il-liġi, il-bejgħ *«hu perfett bejn il-partijiet»* malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, u dan irrispettivament minn jekk il-prezz ikunx

tħallas jew jekk l-oġġett ikunx ġie kkunsinnat (ara f'dan is-sens l-**Artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili**, kif ukoll is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Charles Schembri v. Victor Vella*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022, li kienet ukoll dwar il-bejgħ ta' dgħajsa). Kemm hu hekk dan l-artikolu jaqra hekk:

> *«**1347.** Il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz; u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej.»*

52. Fil-każ tagħna ma jidhirx li kien hemm xi ftehim li bih il-partijiet eskludew it-tħaddim tal-**Artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili** jew tbiegħdu mill-effetti tiegħu fis-sens li qablu li l-bejgħ tad-dgħajsa ma kellux jitqies komplut sakemm il-prezz ma kellux jitħallas kollu. Dan qed jingħad għaliex f'każ ta' bejgħ jew xiri ta' bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru, il-partijiet jistgħu skont l-**Artikolu 1351A(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili** jaqblu li jimponu termini u kundizzjonijiet differenti minn dawk misjuba fil-**Kodiċi Ċivili**. Jiġi b'hekk li fil-każ tagħna, fin-nuqqas ta' prova li turi mod ieħor, il-ftehim ta' bejgħ tad-dgħajsa inkwistjoni kien regolat bl-**Artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili**.

53. Għandu wkoll jingħad li l-konvenut kompla jxejjen għalkollox id-difiża li ressaq fit-tielet eċċezzjoni meta mbagħad fl-eċċezzjoni ta' warajha, huwa biddel ħesrem id-diska u stqarr li: *«l-intimat <u>biegħ id-dgħajsa</u> bil-hull number 550, bl-isem «Shining» u bin-numru ta'*

*reġistrazzjoni S 20427 lil Godwin Mizzi għall-prezz ta' sebgħa u għoxrin elf u ħames mitt ewro (€27,500).»*

54. Bl-istess mod, fl-affidavit li ressaq bħala parti mill-provi tiegħu f'din il-kawża, il-konvenut Godfrey Debattista tenna li: *«[j]iena begħt id-dgħajsa bl-isem 'Shining' u bin-numru tar-reġistrazzjoni S20427 lil Godwin Mizzi għall-prezz miftiehem ta' sebgħa u għoxrin elf u ħames mitt ewro (€27,500)»* (silta mill-affidavit tal-konvenut f'paġna 93 tal-atti tal-kawża).

55. Anke mill-ittri legali li l-konvenut bagħat lill-attur Godwin Mizzi qabel ma nieda l-kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, jerġa' joħroġ biċ-ċar li għall-konvenut il-bejgħ tad-dgħajsa inkwistjoni kien konkluż, tant li huwa rrifera għall-bilanċ mitlub minnu bħala *«bilanċ dovut minnek fuq xiri ta' dgħajsa tad-ditta Riva bin-numru S20427, bl-imgħax mid-data tal-akkwist sad-data tal-ħlas relattiv»* (silta mill-ittri legali f'paġni 101 u 102 tal-atti tal-kawża).

56. Fuq kollox anke mis-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, jidher li Godfrey Debattista saħansitra ressaq dik il-kawża fuq il-premessa li huwa kien biegħ id-dgħajsa inkwistjoni lill-konvenut Godwin Mizzi (ara l-ewwel paragrafu tas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Godfrey Debattista v. Godwin Mizzi*** mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fit-

23 ta' Settembru, 2020, Dok GS1 f'paġna 60 tal-atti tal-kawża).

57. Għalkemm veru li f'dawn ir-riferenzi kollha, il-konvenut kull darba semma biss li huwa kien biegħ id-dgħajsa inkwisjoni lil Godwin Mizzi u mhux ukoll lill-attriċi Charmaine Mifsud, madankollu fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti diġà kkonkludiet li Mifsud kienet ħaġa waħda fin-negozju tax-xiri tad-dgħajsa flimkien mal-attur l-ieħor Godwin Mizzi. Dan mhux biss ingħad fil-konsiderazzjonijiet, iżda wkoll ġie kristallizzat f'dik il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti warrbet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

58. Il-konvenut ma appellax mill-imsemmija parti tas-sentenza appellata u fid-dawl ta' dan, din il-Qorti jidhirlha li l-istqarrijiet kollha li l-konvenut għamel dwar il-bejgħ tad-dgħajsa lil Godwin Mizzi għandhom ukoll jgħoddu bis-sħiħ għal Charmaine Mifsud.

59. Wara kollox mill-atti jirriżulta li Godfrey Debattista stess kien saħansitra għamel dikjarazzjonijiet bil-miktub fis-sens li huwa kien daħal fi ftehim dwar il-bejgħ tad-dgħajsa inkwistjoni *«with Charmaine Mifsud (Id 32292G) and Godwin Mizzi (Id 33789G)»* (ara 'Dok A', f'paġna 76 tal-atti tal-kawża). Barra minn hekk, jirriżulta wkoll li l-konvenut saħansitra ħareġ żewġ irċevuti ffirmati minnu stess fuq l-istess ismijiet tal-atturi u dan b'riferenza speċifika dwar il-bejgħ tal-istess dgħajsa inkwistjoni (ara 'Dok

Ċ', u 'Dok E', f'paġni 78 u 81 tal-atti tal-kawża).

60. Il-Qorti wkoll tqis li mill-atti ma jirriżultax jekk tfassalx xi att ta' bejgħ bil-mod ta' kif imsemmi fl-**Artikolu 32 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili**. Skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu bastiment reġistrat jew sehem fih għandu jiġi trasferit b'att ta' bejgħ, li għandu jkun fih deskrizzjoni tal-bastiment li tkun tinsab fiċ-ċertifikat tas-*surveyor* jew deskrizzjoni oħra li tkun biżżejjed biex jingħaraf il-bastiment għas-sodisfazzjon tar-reġistratur, u għandu jkun magħmul minn min jittrasferixxi fil-preżenza ta' xhud jew xhieda li jridu jiffirmaw fuq l-att.

61. Minkejja dan però, mill-atti tal-kawża jidher ukoll li d-dgħajsa inkwistjoni taqa' fil-kategorija ta' bastimenti żgħar li huma reġistrati taħt l-**Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta** u dan għaliex in-numru ta' reġistrazzjoni tagħha jibda bl-ittra "S" (ara f'dan is-sens ir-**Regolament 22 tar-Regolamenti dwar Bastimenti Żgħar**).

62. Ta' min jgħid li d-dispożizzjonijiet tal-**Artikoli 32** u **34 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili** ma jgħoddux għal kwalunkwe tip ta' bastiment. Mod ieħor dawn jgħoddu biss għal dawk il-bastimenti reġistrati taħt dak l-Att. Kemm hu hekk, kull darba li f'dawn l-Artikoli tissemma l-kelma *«bastiment»* din hija kwalifikata bil-frażi «***bastiment <u>reġistrat</u>***.» Skont l-**Artikolu 2 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili**, il-kelma *«reġistrat»* hija

mfissra fis-sens: «***reġistrat skont dan l-Att***.»

63. Issa fl-**Artikolu 3(2)** tal-istess **Att** insibu li dawk il-bastimenti li huma reġistrati taħt l-**Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta** u li għandhom tul ta' mhux iżjed minn erbgħa u għoxrin metru, huma eżenti mir-reġistrazzjoni taħt l-**Att dwar il-Bastimenti Merkantili**. Ifisser allura, li l-formalitajiet imsemmija fl-**Artikolu 32 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili** dwar l-att ta' bejgħ ta' bastiment reġistrat x'aktarx mhumiex applikabbli għat-trasferiment tad-dgħajsa inkwistjoni, ladarba d-dgħajsa mertu tal-kawża għandha n-numru ta' reġistrazzjoni tagħha jibda bl-ittra "S".

64. F'kull każ, il-konvenut lanqas ma ressaq eċċezzjoni f'dan is-sens u għalhekk, tħares minn fejn tħares, din il-Qorti ma tistax ma tasalx għall-konklużjoni li l-atturi tabilħaqq xtraw id-dgħajsa inkwistjoni mingħand il-konvenut.

65. It-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Godfrey Saliba qiegħda għalhekk tiġi miċħuda.

66. Ġaladarba l-bejgħ tad-dgħajsa inkwistjoni jirriżulta li kien maqbul skont l-**Artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili**, il-konvenut Godfrey Debattista ma setax iżomm lura milli jagħmel dak li mitlub minnu f'din il-kawża, u dan

la għar-raġuni li huwa kien għadu ma rċeviex il-bilanċ tal-prezz fl-ammont ta' €4,500 u wisq inqas għaliex huwa baqa' ma tħallasx tal-imgħaxijiet u tal-ispejjeż ġudizzjarji msemmija fil-kawża tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar.

67. Għalkemm veru li fl-**Artikolu 1391 tal-Kodiċi Ċivili** nsibu li l-bejjiegħ ġeneralment mhuwiex obbligat li jikkunsinna l-ħaġa mibjugħa lix-xerrej jekk dan tal-aħħar ma jħallsux tal-prezz tagħha anke jekk bil-liġi l-bejgħ ikun meqjus bħala perfett, madankollu fil-każ tal-bejgħ ta' bastimenti żgħar, bħalma tidher li hija d-dgħajsa inkwistjoni, il-bejjiegħ ma jistax jirrifjuta milli jwettaq dak kollu meħtieġ għar-reġistrazzjoni tat-trasferiment tad-dgħajsa minn fuq ismu għal fuq isem ix-xerrej.

68. Tassew f'**Regolament 20 tar-Regolamenti dwar Bastimenti Żgħar** insibu ċar u tond li:

> *«(1) <u>Meta persuna tkun miftehma li tbiegħ, jew tbiegħ</u>, tiskrappja jew xort'oħra tiddisponi minn bastiment żgħir jew xi magni tiegħu, <u>din għandha</u> fi żmien sebat ijiem tavża b'dan bil-miktub lill-Awtorità filwaqt li tagħti d-dettalji u l-informazzjoni dwar il-persuna li magħha tkun ftehmet li tixtri l-bastiment żgħir jew xi waħda mill-magni tiegħu, u għandha ukoll tagħti ċ-ċertifikatta' reġistru tagħha lura lill-Awtorità.*
>
> *(2) Applikazzjoni mis-sid il-ġdid biex jiġi reġistrat it-trasferiment ta' bastiment żgħir jew xi waħda mill-magni tiegħu għandha ssir lill-Awtorità fi żmien sebat ijiem mix-xiri jew trasferiment tiegħu.*
>
> *(3) <u>Persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt dan ir-regolament teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn mitt euro (€100)</u>.»*

69. Għal din il-Qorti, minn dan ir-**Regolament** tal-aħħar jidher li l-obbligu tal-bejjiegħ li jagħmel dak kollu meħtieġ għar-reġistrazzjoni tat-

trasferiment ta' bastiment żgħir, jitnissel *ipso iure* hekk kif ikun hemm ftehim dwar il-bejgħ ta' dak il-bastiment, u dan irrispettivament minn jekk il-bejjiegħ ikunx irċieva l-prezz tal-bejgħ kollu jew le.

70. La kif rajna iktar kmieni, il-partijet f'din il-kawża ftehmu dwar il-bejgħ tad-dgħajsa inkwistjoni, mela allura il-konvenut Godfrey Debattista huwa tabilħaqq obbligat li jersaq għar-reġistrazzjoni tat-trasferiment inkwistjoni, u dan saħanistra taħt piena ta' multa.

71. Sa fejn huwa possibbli, il-liġijiet għandhom jinqraw bis-sens u kemm jista' jkun f'armonija flimkien. Kif tifhimha din il-Qorti, ma jagħmel l-ebda sens, li f'każijiet bħal dawn, bejjiegħ bħall-konvenut jitħalla jsib kenn fl-**Artikolu 1391 tal-Kodiċi Ċivili**, meta mbagħad fl-istess waqt huwa jkun taħt liġi oħra espost għall-piena ta' multa minħabba dak l-istess għemil.

72. F'qafas bħal dan, din il-Qorti għalhekk jidhrilha li l-effetti tal-**Artikolu 1391 tal-Kodiċi Ċivili** żgur li m'għandhomx jiġu mifhuma li jestendu wkoll għal kwistjonijiet bħal dawk tal-lum, li huma biss dwar it-trasferiment mill-aspett formali ta' biċċa tal-baħar, u fid-dawl ta' dan it-talbiet tal-atturi jidhru li huma misħoqqa.

73. Dan kollu però jgħodd sa fejn għandu x'jaqsam mal-proċedura tar-reġistrazzjoni tat-trasferiment biss, u għaldaqstant bl-ebda mod m'għandu jinftiehem li bejjiegħ ta' bastiment ma jistax idur lejn l-**Artikolu 1391 tal-Kodiċi Ċivili** sabiex iżomm il-pussess fiżiku tal-bastiment sakemm jitħallas.

74. Ifisser dan, li kieku mexa b'mod għaqli, il-konvenut Godfrey Debattista xorta waħda seta' gawda mill-kenn li joffri l-**Artikolu 1391 tal-Kodiċi Ċivili** u dan billi jżomm il-pussess fiżiku tad-dgħajsa inkwistjoni sakemm huwa rċieva l-ħlas kollu tagħha. Għar-raġunijiet li jaf hu, il-konvenut però għażel li ma jimxix hekk, u għal dan huwa jista' jwaħħal biss fih innifsu.

75. Jiġi b'hekk li l-ebda mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut ma huma siewja.

76. F'kull każ, u bla ħsara għal dak kollu li ngħad s'issa, il-Qorti tqis li l-atturi appellanti għandhom ukoll raġun jgħidu li l-**Artikolu 1391 tal-Kodiċi Ċivili** jgħodd biss għall-prezz tal-ħaġa mixtrija u mhux ukoll għal dawk il-flejjes li l-appellat Godfrey Debattista għadu jippretendi mingħandhom.

77. Bil-maqlub ta' dak li qiegħed jargumenta l-konvenut, kemm l-imgħax kif ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji li rriferiet għalihom l-Ewwel Qorti ma kinux jiffurmaw parti mill-prezz tal-bejgħ tad-dgħajsa inkwistjoni, u għaldaqstant, anke għal din ir-raġuni Godfrey Debattista ma kellu l-ebda jedd fil-liġi li jżomm lura milli jagħmel dak kollu li kien meħtieġ minnu għar-reġistrazzjoni tat-trasferiment tad-dgħajsa inkwistjoni.

78. Tassew, waqt il-kontroeżami, il-konvenut Godfrey Debattista stess stqarr li l-flejjes li għadu jippretendi mingħand l-atturi ma kinux jiffurmaw parti mill-prezz tal-bejgħ tad-dgħajsa (ara l-kontroeżami tal-konvenut f'paġni 112 u 113 tal-atti tal-kawża).

79. Barra minn hekk, u speċifikament dwar in-nuqqas tal-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji tal-kawża tat-Tribunal, il-Qorti jidhrilha li l-unika mod li bih tali nuqqas seta' serva ta' xkiel għat-talbiet tal-atturi, huwa biss kif imfisser fl-**Artikolu 907(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

80. Billi l-imsemmi Artikolu jipprovdi limitazzjoni fuq il-jedd ta' aċċess għall-Qorti, hemm qbil fil-ġurisprudenza li dan għandu jingħata interpretazzjoni mill-aktar dejqa, u b'hekk l-effetti tiegħu m'għandhomx jiġu mġebbda lil hemm miċ-ċirkostanzi fih imsemmija (ara ***Sebastian Brincat v. Antonio Mifsud et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta'

April, 2024 u ***Joseph Abela et v. Katarina Cachia*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-21 ta' Frar, 2007).

81. Huwa għalhekk aċċettat li l-**Artikolu 907(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jgħodd biss għal dawk il-każijiet li fihom il-parti attriċi tkun bdiet kawża oħra kontra l-istess parti konvenuta dwar l-istess mertu, però din tkun ċedietha mingħajr ma tkun ħallset l-ispejjeż ġudizzjarji tagħha (ara f'dan is-sens: ***Natalia Menshova v. Raphael Asciak pro et noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2022 u ***Nadia Zammit noe v. Edward Anastasi et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Lulju, 2009).

82. Bil-maqlub għal dak imsemmi fl-**Artikolu 907(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, f'dan il-każ, il-kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar inbdiet mill-konvenut Godfrey Debattista u mhux minn xi ħadd mill-atturi. Barra minn hekk dik il-kawża ġiet deċiża u mhux ċeduta, u għaldaqstant in-nuqqas ta' ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji fil-kawża tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar ma seta' bl-ebda mod kien ta' xkiel għat-talbiet tal-atturi.

83. B'daqshekk ma jfissirx però li l-effetti tas-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar sejrin, b'xi mod jew ieħor, jiġu mfixkla jew imxejjna.

84. Jekk irid il-konvenut Godfrey Debattista, xorta waħda sejjer jifdallu l-jedd li jikseb mingħand l-attur Godwin Mizzi, l-imgħax imsemmi fis-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, kif ukoll l-ispejjeż tal-istess proċeduri.

85. Il-Qorti però mhijiex qiegħda hawn biex tagħti l-pariri lill-konvenut, u biżżejjed jingħad li huwa għad għandu l-għażla li jdur lejn l-atti eżekuttivi rilevanti sabiex jikseb dak kollu msemmi fis-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar.

86. Kemm għaliex kollu li ngħad s'issa huwa aktar minn biżżejjed biex il-Qorti tilqa' l-appell tal-atturi Charmaine Mifsud u Godwin Mizzi, kif ukoll għaliex il-konvenut Godfrey Debattista ma kellu l-ebda jedd fil-liġi sabiex iżomm lura milli jagħmel dak li ġie mitlub mill-atturi f'din il-kawża, il-Qorti sejra tkun qiegħda tibdel ukoll is-sentenza appellata sa fejn għandu x'jaqsam mal-kap tal-ispejjeż, u dan billi sejra tkun qiegħda tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

87. Minħabba f'hekk il-Qorti tqis li ma fadal l-ebda ħtieġa li tistħarreġ ir-raba' aggravju tal-atturi, u għaldaqstant il-Qorti sejra tkun qiegħda tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tal-atturi appellanti, b'dan illi għall-għanijiet u effetti kollha tal-liġi, il-kuratur li sejra tiġi maħtura mill-Qorti fil-parti dispożittiva ta' din is-sentenza qiegħda tiġi mogħnija bid-dritt li tittrasferixxi d-dgħajsa

inkwistjoni u dan bis-setgħat kollha msemmija f'**Regolament 21 tar-Regolamenti dwar Bastimenti Żgħar**, kif ukoll fl-**Artikolu 36 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili**, f'każ li jkun hemm il-ħtieġa.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell tal-atturi Charmaine Mifsud u Godwin Mizzi, u għalhekk qiegħda tbiddel is-sentenza appellata billi tikkonfermaha sa fejn ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Godfrey Debattista, filwaqt li tħassarha fil-kumplament u minflok, **tiċħad** il-bqija tal-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Godfrey Debattista u **tilqa'** b'hekk it-talbiet kollha tal-atturi Charmaine Mifsud u Godwin Mizzi billi:

(i) tikkundanna lill-konvenut Godfrey Debattista sabiex fi żmien xahrejn mil-lum jgħaddi dik id-dokumentazzjoni kollha mitluba mill-Awtoritajiet sabiex tissokta r-reġistrazzjoni tat-trasferiment tad-dgħajsa tat-tip *Riva Junior Boat*, bin-numru ta' reġistrazzjoni S 20427 minn fuq ismu għal fuq isem l-atturi, kif ukoll illi jiffirma kull dokument meħtieġ għal dan il-għan; u

(ii) f'każ li Godfrey Debattista jonqos milli jagħmel hekk fiż-żmien imsemmi, il-Qorti qiegħda bi spejjeż tal-istess Godfrey Debattista taħtar

lill-Avukata Sarah Grech, bħala kuratur, li għall-għanijiet u effetti kollha tal-liġi qiegħda tingħata dawk is-setgħat kollha msemmija f'paragrafu 87 ta' din is-sentenza.

L-ispejjeż ta' din il-proċedura tal-appell kif ukoll dawk ta' quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jitħallsu kollha mill-konvenut Godfrey Debattista.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb